MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru 749/2013

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna u

Spettur James Grech)

vs

Jason Manuel Briffa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 121193M akkuzat talli:

1. nhar it-tnejn ta' Awissu 2013 ghall-habta tal-1.00 am minn gewwa il-Medisia Playa ix-Xatt ta' Qui si Sana, Sliema ikkometta serq ta' telefons celulari, flejjes u accessorji u dokumenti a detriment ta' Lucienne (Maria Rosaria) Bugeja minn San Gwann liema serq aggravat bil-valur li ma jeccediex €2329.37, u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270 u 281 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar nakkuzawh talli rrenda ruhu recediv u dan wara li kien misjub hati b'diversi sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dkumenti kollha;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-probation appositament nominat minn dina l-Qorti;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab mixli b'serq aggravatu recidiva. Fir-rigward l-ewwel akkuza rigwardanti s-serq tali tirrizulta provata anke biss mill-istqarrija rilaxxata minnu. L-istess ma jistax jinghad fil-konfront tar-recidiva.

Madankollo u anke jekk r-rifurtiva giet ritornata, l-Qorti thoss li ma tistax titratta mal-imputat diversament milli tikkundannah piena karcerarja effetiva, stante l-precedenti tieghu u l-kompartament tieghu kif juri r-rapport tal-probation.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261 (c), 267, 279 (b), tal-Kap 9.

Tikkundannah sena prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------